DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-29 ta' Lulju 2009

li timmodifika d-Deċiżjoni 2006/433/KE li tistabbilixxi l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għan-nefqa mġarrba fil-kuntest tal-miżuri ta' emerġenza meħuda għall-ġlieda kontra d-deni klassiku tal-ħnieżer fil-Ġermanja fl-2002

(notifikata bid-dokument numru C(2009) 5866)

(It-test bil-Ġermaniż biss huwa awtentiku)

(2009/580/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 90/424/KEE tistipula l-proċeduri li jirregolaw il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għal miżuri veterinarji speċifiċi, inklużi miżuri ta' emerġenza.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/745/KE tat kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità lill-Ġermanja għall-ispejjeż imġarrba fit-teħid ta' miżuri ta' emerġenza għall-ġlieda kontra d-deni klassiku tal-ħnieżer fl-2002 [2].

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/433/KE ffissat l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja totali tal-Komunità għan-nefqa marbuta mal-qerda tad-deni klassiku tal-ħnieżer fl-2002 [3].

(4) Il-kontribuzzjoni msemmija hawn fuq irriżultat mill-applikazzjoni li l-awtoritajiet Ġermaniżi ppreżentaw b'konformità mad-Deċiżjoni 2003/745/KE fid-19 ta' Novembru 2003. F'din l-applikazzjoni saret referenza għal xi fajls li għadhom miftuħa. Dawn il-fajls ġew solvuti biss fis-27 ta' Diċembru 2007. Il-ħlas li rriżulta sar mill-awtoritajiet Ġermaniżi fit-8 ta' Jannar 2008. Fid-dawl tar-referenza espliċita għall-fajls miftuħa fl-applikazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni tqis li ż-żmien meħtieġ biex tintlaħaq soluzzjoni fir-rigward tagħhom għandu jitqies bħala dewmien iġġustifikat sew fil-ħlas, li jawtorizza l-applikazzjoni ta' rata ta' tnaqqis żero skont l-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni 2003/745/KE.

(5) Fid-19 ta' Ġunju 2008, il-Ġermanja ppreżentat applikazzjoni uffiċjali addizzjonali għal ħlas lura kif stabbilit fl-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni 2003/745/KE. L-ammonti fit-talba addizzjonali huma relatati mal-ispejjeż li ma tħallsux lura inizjalment mill-awtoritajiet Ġermaniżi.

(6) Id-Deċiżjoni 2003/745/KE u b'mod partikolari l-Artikoli 2(b) u (c) u l-Artikolu 4 tagħha għandhom japplikaw kif xieraq għal din l-applikazzjoni addizzjonali.

(7) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja totali msemmija fid-Deċiżjoni 2006/433/KE għandu jiġi mmodifikat.

(8) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-test tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2006/433/KE qed jitbiddel b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali tal-Komunità għan-nefqa marbuta mal-qerda tad-deni klassiku tal-ħnieżer fil-Ġermanja fl-2002 skont id-Deċiżjoni 2003/745/KE hija ffissata għal EUR 970 167,31.

Billi żewġ pagamenti ta' EUR 460 000 u EUR 465 808,47 diġà ngħataw, il-bilanċ tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità huwa ffissat għal EUR 44 358,84."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Lulju 2009.

Għall-Kummissjoni

Androulla VASSILIOU

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19.
[2] ĠU L 269, 21.10.2003, p. 18.
[3] ĠU L 173, 27.6.2006, p. 27.